QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 211/2019**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Mario Camilleri**

**Illum 10 ta' April,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Mario Camilleri** detenur tal-karta tal-identita Maltija **490675M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn gie akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Frar 2019 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma

kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta 1-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regoli ta' 1-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Marzu ,2022, fejn sabet lill-Mario Camilleri hati taz-zewg imputazzjonijiet, u kkundannat lill-appellant ghall-sitt (6) xhur prigunerija effetivi, multa ta' hames mitt ewro (EUR 500) kif ukoll ghall-hlas tal-ispejjez lir-Registru tal-Qorti fis-somma ta' tliett mija u tlettax il-Ewro u sittin centezmu (EUR 313.60c).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Mario Camilleri prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' April, 2022 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Thassar u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet l-appellant hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoniu tvarja s-sentenza appellata, billi tvarja il-piena inflitta, ghal wahda aktar ekwa, gusta u miti, sabiex tkun tirrispekkja il-fatti tal-kaz.

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:</u>**

Illi primarjament, qabel l-appellant jidhol fil-mertu tal-aggravji, kif ukoll minghajr pregudizzju ghall-istess, qieghed minn issa jiddikjara illi fil-mori tas-smiegh ta' dan l-appell huwa ser jaghmel talba sabiex din l- Onorabbli Qorti tikkonverti ruha f' Qorti tad-Droga al termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. PIENA

Illi l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti, u cioe' sitt (6) xhur prigunerija effettivi, multa ta hames mitt ewro (EUR 500) kif ukoll għall-hlas tal-ispejjez tal-ispejjez lir-Registratur tal-Qorti fis-somma ta' tlett mija u tettax il-Ewro u sittin centezmu (EUR 313.60c), hija wahda eccessiva u dana neta wiehed jikkonsidra diversi fatti:

1. L-istqarrija tal-Imputat, fejn kkopera bi shih mal-Pulizija u anke ta spjegazzjoni ta' kif spicca f din ic-cirkostanza;

2. L-ammissjoni waqt it-tehid tal-istqarrija;

3. Il-fedina nettissima tal-imputat

4. Il-Kooperazzjoni bi shih tal-imputat

5. It-trapass ta' tlett (3) snin mindu sehh l-akkkadut;

Illi kif diga' gie ritenut diversi drabi, huwa principju ben assodat fil-gurisprudenza penali nostrana, illi mhux in-norma illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba id-diskrezjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

Dan il-principju gie riflessi diversi sentenzi;

Kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbil Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gaucl, "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell II tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-plena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler"** [26.2.2009):-

> *"Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzionata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun nagset milli taghti importanza lil xi aspett portikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena)*[1]*. (Ara wkoll "Ir- Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" (20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"*

Illi in kwantu jikkoncerna tali piena, tenut kont il-fatturi kollha tal-kaz, piena karcerarja effettiva zgur illi mhux wahda idonea. Illi tali piena zgur ma jistghax jinghad illi holqot bilanc bejn tali hsara illi sfortunatament ikkawza b' ghemilu l-appellant u l-gustizzja illi trid tidher illl qed issehh. Illi hekk kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza **Il-Pulizija vs. Gide Idris Mahder.**

Illi wiehed mill-iskopijiet tal-piena huwa li jigi rripristinat it-tessut socjall li jkun gie imcarrat bl-eghmil kriminali ta' dak li jkun. Skop iehor hu li tigi protetta s-socjeta. Dan

l-iskop jitwettaq kemm billi filkaz to persuni li b' eghmilhom juru li huma to' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu nkarcertati w ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz to' reat gravi, s-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jipprovaw kibu bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Illi x'inhu l-punt illi f sistema illi bbazata fuq principji ta' riforma u mhux retribuzzjoni, tikkundanna persuna ghal sitt (6) xhur habs effettivi meta tali akkadut kien wiehed izolat u limitat ghall-perjadu fejn l- istess appellant stqarr li kien ghaddej minn problemi wara l-mewt tal-genituri tieghu? IIII x' ser tiehu s- socjeta' billi wiehed jiskonta sitt (6) xhur habs, meta facilemnt jista' jitqeghed taht Ordni ta' Trattament jew jinghata piena ulterjuri minn dik ta' inkarcerazzjoni effettiva?

Tenut kont tas-suespost kif ukoll ta' dak li tghallem II-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi supra-citati, kif ukoll tad-diversi rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, Illi jinsistu fuq il-kuncett ta' gustizzja riformattiva, l-appellant gustament jistaqsi;

1. Kif tista' qatt il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, tkun is-soluzzjoni għall-problema dawn ic-cirkustanzi, in vista ta' diversi studji illi Ikoll jinciedu illi '*confinemnt doesn't improve one-self*' ?

2. Illi tali piena, sejra sservi sabiex jigu mghejjuna persuni f sitwazzjoni simili jew sejra sservi sabiex titfa' snin lura lil dawn in-nies, u nwaqqfuhom hesrem milli jkunu ta' kontribut ghalihom u ghal ta' madwarhom?

Ghaldaqstant, l-appellant jemmen illi I-piena errogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata kemm fil-kwalita', kemm fir-raguni u fuq

kollox fil-kwantita' taghha, stante illi tali piena, ma tirriflettix l-ispirtu riabilitattiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncetti kriminali prezenti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024.

Rat illi l-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Illi jinghad li l-appellant jistqarr li huwa rregistra ammissjoni fl-istqarrija tieghu u ghalhekk din il-Qorti f'kaz ta' htija ghandha tkun klementi mieghu. Jinghad li ammissjoni fi stqarrija ma hiex ammissjoni registrata fil-kawza u ghalhekk il-Qorti xorta trid tissokta bis-smiegh tal-provi kollha. Huwa minnu li fl-istqarrija l-appellant ammetta dak li ghamel pero meta gie imressaq il-Qorti nhar l-4 ta' Lulju 2019 (hames snin ilu) dan wiegeb li ma kienx hati tal-akkuzi. Lanqas illum hames snin wara l-akkadut ma irregistra ammissjoni fl-atti ghaliex fir-rikors tal-appell tieghu f'hin minnhom jghid li din il-Qorti ghanda thassar is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-istess hin jghid sabiex din il-Qorti tikkonferma is-sentenza appellata u wara fil-fatt jghid li din il-Qorti ghandha tvarja il-piena inflitta ghal wahda aktar ekwa u gusta li tirrifletti il-fatti tal-kaz odjern.

Ghalhekk f'dan ix-xenajru din il-Qorti kellha tezamina bir-reqqa il-provi kollha migbura f'dan il-process.

Nhar l-4 ta' Lulju 2019 xehed l-allura **Spettur Frank Anthony Tabone** jghid li kellhom informazzzjoni li gewwa il-Bar mgharuf bl-isem Brooklyn Bar li jinsab f'Misrah -Bjar Zejtun kien qed isir traffikar ta' droga. Huwa informa il-Magistrat ta' l-Ghassa u inhareg mandat ta' tfittxija nhar is-7 ta Frar 2019. In segwitu nhar id-9 ta' Frar 2019 ghal habta tal-10.30 a.m l-membri tal-iskwadra kontra d-drogi a bazi tal-mandat appena imsemmi arrestaw lill-appellant. Huwa kien qed jiehu drink fil-bar flimkien ma' mara certu Claire Camilleri. Saret tfittxija fuq il-persuna tal-appellant fejn fuq

persuntu instabu tlett boroz sustanza bajda suspettata kokaina liema tfittxija saret minn PS 1086 u fuq l-persuna ta' Claire Camilleri saret tfittija minn WPC 4 fejn ukoll instabet sachet b'sustanza bajda suspettata Kokaina.

Ovvjament dawn it-tnejn gew arresttai. L-ghada nhar l-10 ta Frar 2019 gew moghtija id-drittijiet taghhom ikluz id-dritt tal-avukat u t-tnejn li huma irrifjutaw tali assistenza legali, Claire Camilleri qalet li s-sachet li kellha fuqha kient giet moghtija lilha minn zewgha l-appellant u qalet li kient ilha tabbuza mid-droga ghal dawn l-ahhar xaghrejn u kien dejjem l-appellant li kien ghaddilha d-droga. L-appellant kien ikkonferma d-droga li instabet fuq persuntu kienet tieghu u li kien hu li ghadda d-droga lil martu Claire Camilleri. Huwa esebixxa kopja tal-Mandat ta' arrest li gie mmarkat bhala dok FT1, dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali sia qabel kif ukoll rifjut tal-assistenza legali waqt l-interogazzjoni li saret minn Mario Camilleri li giet mmarkata bhala Dok FT2, stqarrija rilaxxjata minn l-appellant mmarkata bhala Dok FT3, evidence bag konteneti *sachet* b'sustanza bajda li instabet fuq il-persuna ta' Claire Camilleri mmarkata bhala Dok FT4, evidence bag bis-sustanza bajda li giet elevata minn fuq il-persuna ta' l-appellant li gie mmarkat bhala Dok FT 5.

**WPC 4 Sharise Camilleri** xehdet nhar l-4 ta Lulju 2019 u kkonfermat li fuq struzzjonijiet li kien taghhom l-ispettur Frank Tabone sar raid gewwa l-Brooklyn Bar, Zejtun fejn gew arrestati zewg persuni, l-appellant li gharfet fl-awla, kif ukoll martu Claire Camilleri. Tghid li l-appellant gie arrestat minn PS 1086 waqt li hija arrestat lil Claire Camilleri. Fuq il-persuna ta' Claire sabet borza bi trab abjad susepttata Kokaina. Kellha ukoll ghaxar euro (€10) imrembla fil-but tal-jeans kif ukoll card flimkien ma' ghaxar euro (€10). Saru ukoll searches fuq persuni ohra u fil-bar izda dawn taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga. Mario Camilleri gie arrestat u ttiehed id-depot ghal aktar stharrig.  Murija id-dokument FT 4 tghid li din hija l-evidene bag kontenenti l-borza li kellha Claire Camileri fuq persunta dakinhar tas-*search*.

**PC 1124 Steve Borg** xehed nhar l-4 ta' Lulju, 2019 u kkonferma li fid-9 ta' Frar 2019 kellhom instructions moghtija lilhom mill-allura Spettur Frank Tabone biex jghamlu raid fil-bar bl-isem Brooklyn Bar gewwa iz-Zejtun u dan kien ghall-habta tal-10.30 p.m. Qal li appena dahal fil-bar mar fuq il-persuna ta' Mark Ellul identifika ruhu

mieghu u ghamillu search u ma sab xejn li kien illegali fuq il-persuna tieghu. Staqsih jekk kellux xi vettura u qallu li kellu BMW numru ta' registrazzjoni EBZ 298 u ghamel search fiha u sab li kollox kien regolari. Ma l-akkuzat ma kellux x'jaqsam.

**PC 258 John Lee Howard** xehed fl-itess jum tal-4 ta' Lulju 2019 u muri d-dokumenti FT2 u FT3 jghid li jgharaf il-firma tieghu fuq kull dokument.

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti datat 4 ta' Lulju, 2019 fejn innominat lil Ispizjar Godwin Mifsud biex jezamina il-kontenut tad-dokumenti mmarkati bhala Dok FT 4 u FT5 bl-ghan li jigi stabbilit in-natura, il-valur u l-kwalita tas-sustanza li jista' jirriskontra.

**Dr Godwin Sammut** xehed nhar l-10 ta' Ottubru, 2019 u kkonferma li kien gie nominat mill-Qorti sabiex janalizza id-dokumenti FT4 u FT5 kif ukoll biex jghati valur tad-droga. Fid-dok FT 4 kien hemm qartas li kien fih trab ta' lewn abjad li irrizulta li kien posittiv ghal Kokaina. Il-piz kien ta' 0.25 grammi. Fid-dok FT 5 kien hemm tlett qratas li kien fihom trab ta' lewn abjad li rrizulta li kien posittiv ghal Kokaina. Il-piz tal-qratas kienu ta' 0.50 grammi, u l-iehor kien ta' 1.16 grammi u it-tielet wiehed ta' 0.44 grammi. Bhala total ta' droga ghalhekk kien hemm 2.80 grammi u l-purita kien cirka 25%. Il-valur kien ivarja bejn hamsin euro (€50) u mitejn u erbghin (€240). Ipprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok GS1.

**PS 364 David Borg** xehed nhar l-10 ta' Ottubru, 2019 u kkonferma li nhar id-9 ta Frar 2019 l-allura spettur Frank Sammut kien ta' xi struzzjonijiet lilu u lil xi membri tar-RIU biex jaghmlu raid gewwa bar Brooklyn Bar, Zejtun. Mar hemmhekk u sab lill-appellant u lil martu Claire Camilleri. Fuq l-appellant li gharaf prezenti fl-awla instabu tlett qratas bi trab abjad suspettat Coke u qartas iehor fuq martu. Beda jitkellem maghhom u sar jaf li kellhom tifla ta' erbatax-il sena li kienet qeda barra u ghalhekk akkompanja lil Claire gewwa darha biex tistenna lil bintha u lil Mario Camilleri haduh id-depot.

**EX PS 1086 Johann Micallef** xehed nhar it-23 ta' Jannar 2020 u stqarr li nhar id-9 ta' Frar 2019 kien stazzjonat id-drug squad u kien gie mitlub jghati assistenza fil-konfront tal-appellant Mario Camilleri. Iltaqa' mal-kollegi tieghu iz-Zejtun u ha sehem fit-

tfttxija go bar u fuq il-persuna tal-appellant li gharaf fl-awla. Fuq il-persuna ta' Mario Camilleri instabu tlett iqratas susepttata Kokaina. Dawn gew issigillati u ghaddewhom lill-ispettur Tabone.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni maghmula fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2019 fejn talbet ghal hatra ta' nomina ta' espert biex jigu ezaminati l-*packaging* tad-dokumenti FT4 u FT5 u cioe sabiex jigi verifikat jekk kienx hemm xi impronti digitali u jekk fl-affermattiv isir esami komparattiv ma l-impronti tal-appellant. Il-Qorti laqghet it-talba u innominat lil PC 844 Carl Micallef ghal dan il-ghan.

**PS 844 Carl Micallef** xehed nhar is-27 ta' Frar 2020 u spjega li nhar is-27 ta' Dicembru, 2019 kien gie mghoddi zewg dokumenti markati bhala dok FT4 u FT5 minn Dr Godwin Sammut. Dawn iz-zewg dokumenti kienu jikkontjenu xi qratas tal-plastic fejn saru xi ezamijiet kimici fuqhompermezz ta basic yellow u CAN Fuming. Rizultat ta dankien fin-negattiv u flimkien mar-rapport tieghu ipprezenta CD bir-ritratti mehuda ta' l-esebiti kif ukoll l-esebiti innifishom immarkati bhala dok FT 4 u FT5. Ir-relazzjoni teighu giet markata bhala dok CM1. Minn esami ta' dan ir-rapport jirrizulta li ma gew innotati l-ebda impronta vizibbli.

**Claire Camilleri** xehdet nhar is-27 ta' Ottubru 2021u spjegat illi ilha mizzewga lill-appellant ghal ghoxrin sena. Dakinhar tas-7 ta' Frar 2019 kienu hargu flimkien go bar. Qalet li hija kellha l-vizzju tad-droga u dakinhar fil-bar meta kient mar-ragel hadu ftit droga flimkien.

L-akkuzat **appellant Mario Camilleri** ma xehedx pero a tempo vergine tal-investigazzjoni kien irrilaxja stqarrija li giet mmarkata bhala dok FT3 u tinsab esebita fl-atti a fol. 19. Jghid li huwa mlaqqam 'Tal Gustuz' jew 'Tad-Dowdow'. Ikkonferma li nhar is-7 ta' Frar 2019 ghall-habta tal-11.30 p.m kien gie arrestat meta kien mal-mara Claire Camilleri fi bar Brooklyn Bar iz-Zejtun. Qal li darba kull tlett gimghat jew gimaghtejn imorru hemm biex jiehdu drink. Pero ma tantx kien ilhom imorru f'dak il-bar. Jghid li kien gie arrestat ghaliex il-pulizija qabitlu il-Coke fuqu dakinhar. Muri l-evidence bag esebit fl-atti jghid li dik hija id-droga li nstabet fuq il-persuna tieghu nhar is-7 ta' Frar 2019. Gharaf ukoll l-evidence bag l-ohra fejn kien hemm is-sustanza li instabet fuq martu Claire Camilleri fl-istess jum. Qal li kien hu li ta l-qartas lil mara

u wara li harget mit-toilet giet arrestata. Qal li is-sena ta' qabel u cioe 2018 kien tilef lil ommu b'heart attack u sena qabel lil missieru b'cancer u mohhu ma bediex jahdem sew u dawk l-ahhar xahrejn bdew johorgu flimkien u xi kultant imissu d-droga Kokaina. Jghid li kien dejjem hu li ghadda d-droga lil martu. Kien hu li kien imur jixtriha. Qal li d-droga li sabu ghandu l-pulizija kien xtraha hu ghal prezz ta' mitejn euro (€200). Mistoqsi jghid minn fejn xtraha wiegeb li ma kienx lest li jikxef ghaliex familja ghandu. Qal li ma jabbuzax ta' spiss izda kull meta johorgu flimkien. Mistoqsi x'kien ser jghamel bi tlett pakketti qal li kien ser johodhom kollha hu. Jichad li kien ser ibiegh it-tlett pakketti li instabu fuq persuntu izda jikkonferma li kienu kollha ghalih. Qal li ma kienx ivvizjat bid-droga u li ma jiehu l-ebda droga ohra u m'ghandux bzonn l-ghajnuna biex jindirizza din il-facenda.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi nhar is-26 ta' Mejju 2022 deher l-appellant quddiem din il-Qorti assistit minn Dr Ishmael Psaila li ghamel referenza ghar-rikors tal-appell tieghu u appuntu sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga u li xtaq iressaq bhala prova lil Dr Roberta Holland. L-Avukat Generali ma kellux oggezzjoni li tixhed Dr Holland ghalkemm irriserva li jghati risposta dwar it-talba ghal konversjoni fi Qorti ta' Droga ghal wara li jisma lil Dr Roberta Holland.

Illi nhar it-30 ta' Gunju 2022 xehdet **Dr Roberta Holland** u pprezentat ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok RH. Spjegat li mill-analizi li ghamlet u cioe meta ikkunsidrat l-informazzjni migbura tista tikkonkludi li l-appellant esebixxa tendenzi ta' dipendenza mill-Kokaina matul it-tlett xhur ta qabel il-kaz odjern. Huwa beda jabbuza mid-droga Kokaina fi zmien difficli f'hajtu meta b'nuqqas ta' hiliet personali fir-regolazzjoni tal-emozzjonijiet minn naha tieghu, huwa ma setghax ikampa mad-dieqa li gabu maghhom it-telfiet taz-zewg genituri li tant kien vicin taghhom. L-uzu kien b'disinn li beda b'ammonti zghar u b'mod infrekwenti, izda li baqa' kull ma jmur jipprogressaf'direzzjoni wahda fejn baqa' jizdied u finalment anke inkluda konsegwenzi serji. Dan kien mhux biss sa ma kellu l-kaz odjern f'Jannar 2019 izda ukoll sa ma kellu attack tal-qalb xahrejn wara.

Fid-disinn ta' uzu tal-Kokaina tal-appellant jidher in-nuqqas ta' kontroll mill-fatt li ma kienx kapaci jirrezisti li jipprova s-sustanza f'kemm il-darba kien jaghmel uzu minnha meta johrog, fiz-zieda fil-frekwenza u fl-okkazjonijiet meta kien jesagera u mill-fatt li ma kienx kapaci jieqaf qabel ma jikkonsma dak li jkollu fuqu. Biex ma jikkonsmax droga, kien ma johrogx ghaliex il-bqija ma kienx ghadu kapaci jikkontrolla u wara l-kaz baqa' ghaddej minkejja li dan kien ta' xokk ghalih. Id-dipendenza fizjologika tidher ukoll fil-kilba li kellu u dik psikologika tidher fil-fatt li ghalih, kienet saret l-uniku mezz sabiex huwa jkun jista' jiehu gost itaffi id-dwejjaq, ikompli ma haddiehor u jintegra fl-atmosfera tal-ambjent ta' madwaru. Il-perijodu ta uzu kien wiehed qasir, izda dan ma kienx minhabba xi azzjoni li ha hu minn jeddu jew xi haga li ghamel hu izda kien biss minhabba l-konsegwenzi socjali u dawk ta sahha li sofra rizulta tal-uzu jew bhala konsegwenza relatata. Fil-fatt bhala dijanosi din setghet tinghata mhux biss a bazi tal-elementi fizjologici izda ukoll abbazi tal-fatt li l-uzu kien regolari kien ta kull darba li johrog. Il-konsegwenzi li garrab, il-funzjoni piskologika li kellha ghalih il-Kokaina, u fuq kollox in-nuqqas ta' kontroll. Jidher ghalhekk li r-ret odjern kien relatat mal-uzu tad-droga tal-appellant.

Minn naha l-ohra tispejga li hemm ragunijiet oggettivi li l-appellant tejjeb ferm is-sitwazzjoni tieghu f'dan il-qasam, li ghamlet progress konsiderevoli u li ghamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruhu. Jidher li minn Marzu 2019 huqa baqa' astinenti ghamel bidliet ohra important f'hajtu specjalment rigward ta' sahtu u baqa' jiffunzjona b'mod sodisfacenti.

Jidher ukoll li l-appellant qatt ma haddan attitudni favorevoli ghall-imgieba devjanti jew antisocjali. Matul hajtu kollha huwa ta priorita lill-familja u lix-xoghol li dejjem baqa' lejali lejhom. Apparti dak il-perijodu qasir fejn kien tilef it-triq, huwa dejjem ghex hajja produttiva, b'valuri pro socjali u l-istil ta' hajja li dejjem ghex kien wiehed konvenzjonali. Flimkien mal-eta tieghu u s-sapport li ghandu dawn huma kollha fatturi protettivi ghall-appellant. Matul id-deskrizzjoni tal-istorja tal-uzu tad-droga, l-appellant esebixxa sens ta' misthija li spicca b'dak il-mod u li wasal ghal dik it-tip ta' imgieba. Huwa deher geniwinament jiddispjacih tant li kwazi lanqas jista jemmen x'ghamel. Pero jammetti li d-droga kienet rikbitu u li kellha certu effett u qawwa fuqu.

Bhala bzonnijiet ta' trattament jidhirx li hemm lok ghal thassib jew bzonn ta' interventi f'aspetti principali tal-hajja. Minn aspett psikologiku l-appellant jista' jibbenefika minn xi interventi. Dan jghinu mhux biss jifhem il-vizzju u c-ciklu ta' dipendenza li beda diehel fih, izda ukoll sabiex itejjeb il-mod ta kif jiffunzjona fuq livell personali u dak interpersonali. Huwa jista' jkun mhejjun sabiex itejjeb il-hiliet ta' coping, jitghallem jesprimi ruhu u l-emozzjonijiet tieghu b'mod izjed effettiv, u jrabbi izjed kunfidenza fih innisu. Bhalissa, jidher li jinsab inkwetat u jibbenifika minn sapport professjonali sabiex jiffaccja dan iz-zmein difficli ghalih. Ma jinhassx l-bzonn ta' xi trattament f'ambjent ristrett jew kontrollat peress li l-appellant jiffunzjona b'mod tajjeb u jkun izjed ta' gid ghal kulhadd li jibqa sejjer kif inhu u li l-interventi jsiru permezz ta' laqghat mill-komunita. F'hajjiet l-appellant ma jidhrux elementi kriminogenici u r-riskju ta' reat iehor huwa baxx. Wiehed jittama li huwa jkun jista jibqa fl-istess triq minghjar interruzjonijiet. Skond certifikat esebit mar-rapport tal-psikologa mahrug minn Dr Silvio Grixti jirrizulta li nhar l-4 ta' Gunju 2022 l-appellant ta kampjun tal-awrina tieghu sabiex jigi ttestajt ghal presenza ta' droga izda ta rizultat negattiv ghal presenza ta Kokaina, amfitamina, THC u Opiods.

Rat ukoll id-digriet taghha tas-6 ta' Settembru 2022 fejn din il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-appellant sabiex tikkonverti ruha f'Qorti ta' Droga u ghalhekk ikkonvertit ruhha f'Qorti ta'Droga u ordnat il Mario Camilleri jidher quddiem il-Bord ta' Rihabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8 (3) tal-kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota datata 10 ta' Jannar 2024 mibghuta lilha mic-chairman tal-Bord ta' Rihabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fejn gie indikat li l-Bord hu sodisfatt bil-progress ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u ghalhekk ghalaq il-kaz tieghu b'success.

**Ikkunsidrat**.

Illi din il-Qorti fliet sew l-atti u rat li l-appellant stess fl-istqarrija tieghu jammetti li kien hu li ta d-droga lil martu Claire Camilleri u dan f'diversi okkazzjonijiet u dan fis-7 ta' Frar 2024 u fix-xhur ta qabel. Spjega ic-cirkostanzi ghaliex kien qabad il-vizzju

tad-droga. Jirrizulta ukoll mir-rapport mghamul minn Dr Godwin Sammut li d-droga li intalbet fuq l-appellant kient Kokaina bi purita ta 25% ghalkemm l-ammont kien wiehed de minimis. Rat li huwa minnu li l-appellant ikkopera mal-proskeuzzjoni pero mhux mal-Qorti tant li kawza ta' facile spedizzjoni damet pendenti ghal hames snin.

Ghalhekk din il-Qorti a bazi tax-xhieda moghtija minn Claire Camilleri u a bazi tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellant jirrizulta bic-car li l-appellant forna id-droga Kokaina lil martu Claire Camilleri u dan fil bar bl-isem Brooklyn, gewwa Zejtun u li meta gie imwaqqaf mill-pulizija kellu fil-pusess tieghu tlett iqratas li taw rizultat ta' prezenza ta' droga kokaina u ghalhekk ghadu jinsab hati taz-zewg akkuzi kif del resto sabitu l-ewwel Qorti.

Dwar il-piena pero din il-Qorti rat l-progress li ghamel l-appellant fir-rigward ta' tehid ta' droga u li llum m'ghadux mahkum minn dan il-vizzju tant mishut. Rat dak li qalet Dr Roberta Holland f'dan ir-rigward u cioe li l-appellant qed jghin lilu innifsu hafna u li rat kambjament kbir go fih tant li ma hiex tal-fehma li ghandu jinzamm f'post ikkontrollat.

Ghalhekk in vista taz-zmien li ghadda u li l-appellant baqa' clean, in vista tal-fatt li l-ammont ta' droga kien wiehed *de minimis*, il-fatt li kien ilu jabbuza mid-droga ghal perjodu qasir, il-fatt li l-fedina penali tieghu m'hiex xi wahda refrettarja, l-fatt li l-Bord ta' Rihabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga temm b'success il-kaz tieghu, din il-Qorti ma hiex tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja sospiza kif ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghalhekk filwaqt li qed tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-mertu izda tirrevokaha fir-rigward tal-piena imposta.

Din il-Qorti qeda tpoggi lill-appellant taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett snin mill-llum ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li zzommu l-boghod mill-hajja ta' kriminalita.

Il Qorti spejgat l-import ta' din is-sentenza lill-appellant u x'jigri f'kaz li jonqos li josserva l-Ordni moghtija illum annessa ma' din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficcju ta' Parole u Probation services sabiex jigi nominat kandidat idoneju.

Tikkonferma l-Ordni moghtija mill-ewwel Qorti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligjiet ta' Malta u cioe sabiex l-appellant ihallas lir-Registratur tal-Qorti Kriminali is-somma ta' €313.60 rapprezentanti spejjez inkorsi mal-hatra tal-esperti. U ghalhekk tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tiehu hsieb sabiex tigbor dawn l-ispejjez.

In konkluzjoni qeda tordna ukoll id-distruzzjoni tal-kontenut tad-dokument FT4 u FT 5 u dan taht il-harsien tar-registratur tal-qorti li ghandu jidderigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**